**1 ta' Jannar**

# L-Imqaddsa Omm Alla Marija

**Solennità**

## Qari I

***Isejħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikhom.***

Num 6, 22-27

**Qari mill-Ktieb tan-Numri**

22Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:
23«Kellem lil Aron u lil uliedu u għidilhom:
"Meta tbierku lil ulied Iżrael, hekk għandkom tgħidulhom:

24Ibierkek il-Mulej
u jħarsek!
25Jixħet il-Mulej id-dija ta' wiċċu fuqek,
u jurik il-ħniena!
26Iħares lejk il-Mulej bi mħabba,
u jagħtik is-sliem!"

27Hekk huma jsejħu ismi fuq ulied Iżrael,
u jiena nberikhom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 66 (67), 2-3.5.6.8

R/. (2a). Iħenn għalina Alla, u jberikna

2 Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
3 Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. R/.

5 Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom. R/.

6 Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
8 Iberikna Alla, u tibża' minnu
l-art kollha minn tarf għall-ieħor! R/.

## Qari II

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Gal 4, 4-7

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin**

Ħuti, 4 meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled
minn mara, imwieled taħt il-Liġi, 5 biex jifdi lil dawk li kienu taħt
il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. 6 U għax intom ulied, Alla
bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: «Abbà! Missier!» 7 U hekk
m'intix iżjed ilsir, iżda iben: u jekk iben, werriet ukoll bil-grazzja ta'
Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lhud 1, 1-2

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi
u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti.
Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Sabu lil Marija u lil Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura.***

Lq 2, 16-21

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien, ir-rgħajja [16]marru jgħaġġlu, u sabu lil Marija u
lil Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. [17]Kif raw dan, bdew
jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, [18]u kull min
semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. [19]Marija,
min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u
taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

[20]Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull
ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

[21]Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni,
semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu